MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1418/2000/1

AIL Limited

Vs

Lawrence Azzopardi

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-10 ta' Lulju 2000 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi fit-2 ta' Mejju 1999 f'xi 4.30 a.m. f'Consitution Street, Mosta il-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura tal-marka Mazda 323 bin-numru ta' Registrazzjoni LAI-963, bi traskuragini, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku habat mal-mini-bus bin-numru ta' registrazzjoni GMY-063 di proprjeta' tas-socjeta' attrici; illi bkonsegwenza ta' tali kollizzjoni s-socjeta' attrici sofriet danni ingenti fil-mini-bus di proprjeta' taghha, kompriz 'loss of use' ghal liema danni huwa responsabbli lejn is-socjeta' attrici l-konvenut, kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi nonostante diversi talbiet ghal

hlas da parte tas-socjeta' attrici, inkluza ittra ufficjali datata 21 ta' Jannar 2000, il-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallas; talbet li din il-Qorti:-
1. tiddecidi u tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-kollizzjoni li sehhet fit-2 ta' Mejju 1999 f'xi 4.30 a.m. f'Constitution Street, Mosta (meta) il-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura tal-marka Mazda 323 numru LAI-963 habat mal-vettura numru GMY-063 proprjeta' tas-socjeta' attrici;
2. tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici kompriz il-'loss of use', kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata ai termini tat-tieni talba bhala rappresentanti d-danni kollha sofferti mill-istess socjeta' attrici fl-incident premess.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 21 ta' Jannar 2000 u ta' l-10 ta' Lulju 2000 u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda ta' l-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-13 ta' Marzu 2001 li permezz taghha eccepixxa:-
1. illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici billi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjenti, izda b'tort unikament tas-sewwieq awtorizzat mis-socjeta' attric, Paul Stivala, u dana minhabba traskuragini u imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Paul Stivala hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk id-danni ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' attrici.
Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-21 ta' Marzu 2001 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-25 ta' April 2001 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-24 ta' Gunju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum bil-fakolta lill-konvenut jippresenta nota ta' osservazzjonijiet sal 15 ta' Lulju 2002 liema nota ma saritx.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-incident mertu ta' din il-kawza sehh ghal habta tal-4.30 a.m. gewwa Constitution Street, il-Mosta. Fit-2 ta' Mejju 1999 Paul Stivala, impjegat bhala xufier ta' Mini Buses mas-socjeta' attrici, li tiggestixxi n-negozju maghrufa ahjar bhala Paramount Garage, kien hiereg ghax-xoghol mill-garage ta' din is-socjeta' li jinsab fuq ix-xellug int u tiela lejn Targa Gap mid-direzzjoni tal-Rotunda. Fil-vicinanzi tal-garage, parti fuq il-karreggata u parti fuq il-bankina kien hemm vettura ipparkjata 'l fuq mill-garage. Stivala hares lisfel ma ra lil hadd gej u beda hiereg, jittraversa l-bankina pjuttost wiesa' li hemm fl-inhawi. Huwa u hiereg lemah lill-konvenut gej minn naha ta' fuq mixi bi speed ta cirka 40 k.f.s. u fuq in-naha tieghu tat-triq. Stivala jghid li huwa applika l-brakes biex jieqaf sabiex jhalli lill-konvenut jghaddi izda l-konvenut skiddja, presumibilment minhabba li s-superfici tat-triq kienet imxarba bix-xita u filwaqt li gie fuq in-naha l-hazina tat-triq, baqa diehel go fih.

Il-konvenut isostni mod iehor u cioe li waqt li kien niezel Constitution Street, fil-vicinanzi tal-Paramount Garage u fuq in-naha tieghu tat-triq, kien hemm char-a-banc ipparkjat, ghalhekk huwa kellu jigbed il-barra biex jiskapulah u kif ghamel hekk hareg il-van u saret il-habta. Il-konvenut jichad li qatt skiddja u jsostni li l-van misjuq minn Stivala kien bla dwal.

Mill-iskizz tal-incident preparat minn P.S. Cauchi kif ukoll mir-ritratti mehudin minn Leo Grech, direttur tas-socjeta' attrici, ftit wara l-habta, jirrizulta li l-karozza tal-konvenut

tinsab kompletament "wrong side" filwaqt li l-Mini Bus misjuqa minn Stivala tidher fuq in-naha taghha tat-triq.

Fic-cirkostanzi fuq imsemmija tinholoq prezunzjoni ta' htija kontra l-konvenut billi dan jidher li fuq in-naha l-hazina tat-triq. Izda l-konvenut jghid li kien jinsab hemm minhabba dik ic-char-a-banc ipparkjata. Din l-allegazzjoni tal-konvenut ma tidhirx pruvata billi:-

1) hemm chada kategorika ta' Stivala li dak il-hin kien hemm char-a-banc qed tostakola t-triq fuq in-naha tal-konvenut;

2) ix-xhud George Pirotta mressaq mill-konvenut u li allegatament kellu l-kontrol tal-imsemmija char-a-banc cahad b'mod l-aktar kategoriku li dak inhar tal-incident huwa kien presenti jew li kien qed isuq bus u lanqas biss ma jaf dwar ic-cirkostanzi tal-kaz;

3) illi fl-istess nota ta' l-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni maghmula mill-istess konvenut din ic-cirkostanza tax-char-a-banc ma tirrizulta imkien u jinghad biss li l-incident gara tort u htija tas-sewwieq tas-socjeta' attrici.

4) finalment hemm dak riportat fl-okkorrenza tal-incident. Il-konvenut huwa riportat li qal hekk: "As he was proceeding downhill Constitution Street, Mosta, that is from SPA (St. Paul's Bay) to Mosta, van no. GMY 063 emerged from the garage, he tried to avoid him, skidded and collided to (?). He also stated that the other driver told him that he tried to reverse but this version was deniedby said driver." Minn dan jirrizulta li l-konvenut qatt ma semma l-presenza tac-char-a-banc u di pju jsostni li huwa skidja mentri fix-xhieda tieghu jichad li l-vettura tieghu skidjat. Mistoqsi dwar id-diskrepanza bejn dak li hemm fl-okkorrenza u x-xhieda tieghu l-konvenut semplicement skredita lill-ufficjal li investiga l-kaz billi sostna li huwa kien semmielu x-chara-a-banc u dan ma kienx nizzilha u anke li ma kienx hu li semma skidding izda li kien Stivala u s-Surgent nizzel dak li qallu Stivala.

Illi mil fuq espost din il-Qorti ma tistax taghti kredibilita' lill-verzjoni tal-konvenut dwar il-presenza tax-char-a-banc.

Jibqa biex jigi determinat jekk li skidding tal-konvenut u l-eventwali impatt mal-Mini Bus misjuqa minn Stivala kienu

kawzati b'xi nuqqas da parti ta' l-istess Stivala. Huwa principju accettat li "skidding" huwa fattur newtrali li la jagevola u lanqas ma jikkundanna lil dak li jkun. Wiehed ghalhekk irid jhares oltre sabiex jistabilixxi r-raguni ta' tali skid. Fil-kaz in ezami irrizulta li t-triq kienet tizloq minhabba x-xita, irrizulta li Stivala hareg minn go garage fuq in-naha l-ohra tat-triq u, in parti, kien mohbi wara vettura pparkjata. Wiehed ghalhekk jista facilment jassumi li l-konvenut inhasad b'din il-mauvra ta' Stivala u filwaqt li applika l-barkes u gibed lejn il-lemin spicca biex mar "wrong side" u kkawza l-incident. Izda fil-fehma ta' din il-Qorti tali reazzjoni tal-konvenut ma kienetx gustifikata billi kif jidher ben tajjeb l-vettura misjuqa minn Stivala tinsab wieqfa daqs erbgha/hames pidi mil-linja medjana tat-triq. Il-konvenut ghalhekk kellu l-karreggata kollha fuq in-naha tieghu tat-triq (cirka 15 pid) biex jimmanuvra u ma kellux ghalfejn jmur fuq in-naha l-hazina tat-triq. Reazzjoni trid tkun wahda xierqa sabiex tiggustifika ksur ta' regolamenti minghajr sejbien ta' htija f'dak li jkun. Izda li tmur kompletament "wrong side" meta jkollok spazju bizzejjed fuq in-naha tieghek tat-triq qatt ma jista jkun tajjeb. Din il-Qorti konsegwentement issib li l-incident mertu tal-kawza gara unikament tort u htija tal-konvenut.

Ikkunsidrat:-

Dwar id-danni reklamati mis-socjeta' attrici ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Il-vettura tas-socjeta' attrici li kienet involuta fl-incident kienet vettura kummercjali li tinkera ghal lukru. Is-socjeta' attrici ghalhekk issottomettiet "statement" dwar il-"loss of use" ghal perjodu li din damet wieqfa fl-ammont ta' LM1105 kif ukoll gie prezentat l-kont, flimkien ma ircevuta gustifikativa tal-parts, relattiva ghat-tiswija tal-istess vettura u dan fl-ammont ta' LM1060. B'kollox d-danni attrici jammontaw ghal elfejn mija hamsa u sittin lira (LM2165.00). Dan l-ammont ma giex kontestat u qed jigi accettat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara li l-incident mertu tal-kawza sehh tort u htija tal-konvenut, tillikwida d-danni attrici fis-somma ta' elfejn mija hamsa u

sittin lira maltin (LM2165.00) u konsewgentement tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici l-ammont hekk likwidat bl-imghax legali mil-lum u bl-ispejjes kollha tal-kawza.

Onor Imhallef Albert J. Magri